A.L. 72 ta' l-1988

ATT TA' L-1975 DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA (ATT NRU. XXXV TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Posta għal Barra minn Malta (Servizz ta' Valiġġa Mgħaġġla)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11 ta' l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Posta għal Barra minn Malta (Servizz ta' Valiġġa Mgħaġġla) u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1988 dwar il-Posta għal Barra minn Malta (Servizz ta' Valiġġa Mgħaġġla), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 42 ta' l-1988.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fid-19 ta' Settembru, 1988.

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din li ġejja:

"SKEDA

Pajjiż	L-Ewwel ½kg.	Kull ½kg. addizzjonali sa 5kg.	Kull ½kg. addizzjonali 'l fuq minn 5kg. sa 20kg.	Piż Massimu
Gran Brittanja	Lm9.00,0	Lm1.60,0	Lm1.00,0	20kg.
Ġermanja tal-Punent	Lm9.00,0	Lm1.60,0	Lm1.00,0	20kg.".